29 ta' Ottubru, 1954

Imħallfin :—
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.;
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Giuseppa Bezzina

**Att tal-Akkuża — Nullità — Falz Dokumentali — Personifikazzjoni — Art. 195(1) u 187 tal-Kodiċi Kriminali**

*Il-kwistjoni ta' dritt involuta f'eċċezzjoni ta' nullità ta' l-att ta' l-akkuża għandha titqies in bażi għall-fattijiet kif jidhru allegati fil-kapijiet ta' l-att ta' l-akkuża li huma milqutin bl-eċċezzjoni, indipendentement mill-apprezzament tagħhom skond il-provi.*

*Il-falz dokumentali jista' jestrinseka ruħu fil-falz personali, ċjoè suppożizzjoni ta' persuna, meta l-immutazzjoni tal-veru taqa' fuq l-"essere" tal-persuna stess; u għalhekk, min jippersonifika lil ħaddieħor fi skrittura huwa ħati ta' falz dokumentali.*

*Xejn ma jinfluwixxi fuq l-aspett ġuridiku l-fatt li min jagħmel dik il-personifikazzjoni ma jkunx iffirma l-iskrittura huwa stess, jekk ikun inkarika lil ħaddieħor jiffirmaha għalih.*

*U hemm dak il-falz dokumentali mhux biss meta r-reat ikun jivverti fuq dokument publiku, imma anki meta jkun jivverti fuq dokument privat.*

*Għalhekk l-eċċezzjoni li l-att ta' l-akkuża huwa null għax il-persuna akkużata fuq falz dokumentali ma ffirmatx l-iskrittura li fiha ppersonifikat persuna oħra, u għaliex l-iskrittura hija dokument privat, u mhux dokument publiku, ma hix aċċettabbli.*

Il-Qorti; — Rat l-att tal-akkuża numru 9077;

Rat in-nota tal-akkużata, li biha eċċepiet preliminarjament in-nullità tat-tieni, il-ħames u s-sebgħa kap tal-att tal-akkuża, peress illi l-fattijiet allegati f'dawk il-kapi ma jikkostitwux ir-reat dedott, għax fost affarijiet oħra, il-persuna li suppost ikkommettiet il-falz bħala awtur ma ffirmatx l-iskritturi relativi;

Rat ir-risposta tal-Attorney General, li biha ddikjara li jikkontesta l-eċċezzjoni sollevata bħala ġuridikament infondata;

Rat id-digriet mogħti minn dina l-Qorti komposta minn

Imħallef wieħed fis-26 ta' Ottubru, 1954, li biħ irrimettiet il-kawża lil dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin għad-deċiżjoni tal-eċċezzjoni;

*Trattata* l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni ta' dritt involuta fl-eċċezzjoni għandha titqies in bażi għall-fatti kif jidhru allegati fil-kapijiet milqutin bl-eċċezzjoni, indipendentement mill-apprezzament tagħhom skond il-provi;

Illi, skond l-espożittiva kontenuta f'dawk il-kapi, ċertu Chetcuti, bi ftehim, inkarikat u istruzzjonijiet tal-akkużata, ippersonifika lill-persuna oħra bħala mutwatarja fi skrittura *ta' self*, u fil-waqt li ddikjara ruħu analfabeta, talab u ottjena li l-prokuratur legali li kien qiegħed jikkonsulta l-mutwant, jiffirma l-iskrittura bħala mandatarju speċjali tiegħu, dejjem kif personifikanti dik it-terza persuna;

Illi, tant dottrinalment kemm ukoll b'liġi pożitiva (ara art. 195(1) in kwantu jagħmel riferenza għall-mezzi msemmijin fl-art. 187 Kap. 12 Ediz. Riv.), il-falz dokumentali jista' jestrinseka ruħu fil-falz personali, ċjoè suppożizzjoni ta' persuna, meta l-immutazzjoni tal-veru taqa' fuq l-"essere" tal-persuni stess;

Illi, f'dan il-każ, dik li l-ġurekonsult Farinaccio jsejjaħ "veritatis mutatio" ikkonsistiet appuntu filli (dejjem kif allegat) Chetcuti ppersonifika lil ħadd ieħor, u (sija pure b'l-firma tal-konsulent legali bħala mandatarju) ġiet falsifikata l-materjalita' tal-iskrittura;

Illi xejn ma jinfluwixxi fuq l-aspett ġuridiku l-fatt li, billi Chetcuti qal li ma kienx jaf jikteb, u talab lill-konsulent legali tal-mutwant jiffirma bħala mandatarju tiegħu, ma hemmx fl-iskrittura "de qua" il-firma ta' Chetcuti (allegat awtur tad-delitt li fih l-akkużata hi addebitata ta' kompliċità); għaliex, ġa ladarba Chetcuti ta l-inkarigu lill-konsulent legali jiffirma għalih, u ġa ladarba hu taħ dan l-inkarigu bħala, mhux Toni Chetcuti, iżda bħala l-persuna minnu personifikata, għalhekk għandu jitqies daqs kieku l-iskrittura ffirmaha falsament hu, peress li hu b'kaġun tiegħu fiha dik is-suppożizzjoni ta' persuna li ġġib il-falz dokumentali;

Illi għal ta xejn ukoll jingħad li l-fatti esposti fil-kapijiet impjunjati jistgħu, se maj, jikkostitwixxu frodi jew truffa, imma mhux falz. Infatti, anki kieku wieħed kellu jieħu l-veduta (mhux aċċettata mill-Liġi Maltija) li l-falz hu biss delitt kontra l-fidi pubblika meta jivverti ruħu fuq dokument publiku, u li ma hux tali, imma hu delitt kontra l-proprjetà, meta jivverti fuq dokument privat, il-konklużjoni tkun ugwalment sfavorevoli għad-difiża, għaliex l-istess Carrara, propunjatur tat-teżi skartata mill-liġi tagħna, jgħid (Prog. Vol. IV, para. 2363) :— "In tutte le frodi abbiamo veduto essere costante compagna la falsità; mentre, o con parole, o con fallacia di segni esteriori, sempre mentire è la divisa dello sroc-chio. Ma per antica consuetudine dei giuristi, si e' data, quasi per antonomasia, il nome di 'falso' a quella menzogna che si estrinseca col mezzo di scrittura";

Issa, dan hu aktar u aktar veru fis-sistema tal-Liġi Maltija, li, kif ingħad, ma aċċettatx it-teżi tal-Carrara, u qiegħdet id-delitt tal-falz, ukoll jekk fuq dokument privat, taħt it-titolu tar-reati kontra l-Fidi Pubblika (Tit. V., Sub-tit. II, Kap. 12). Infatti, b'din il-klassifikazzjoni, il-falz fi skrittura privata sar ukoll reat "soċjali", li fih hemm l-offiża għad-"dritt universali" (ċjoe' l-preżunzjoni ta' verità tal-iskrittura, intiża dejjem mhux bħala skrittura kwalunkwe, imma bħala skrittura, kif jgħid il-Pessina (Vol. III, 214-261), li għandha "certa attinenza colla sfera giuridica"); u appuntu, peress li r-reat hu enti ġuridiku, għalhekk il-"kwalità" tiegħu tiġi deżunta mid-dritt aggredit, li hu l-verità tal-iskrittura — verità li ġiet falsifikata bis-suppożizzjoni ta' persuna;

Illi l-ġurisprudenza taljana tidher ukoll f'dan is-sens (ara Rep. Conti, deċiżjonijiet, "passim", taħt l-art. 275, paġ. 531);

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-eċċezzjoni tad-difiża, u tirrimetti l-proċess lill-Qorti komposta mill-Imħallef ordinarju tagħha.